# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz Nru. 1581/98 SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Charles Chircop u b'digriet tal-21 ta' April, 1999, gie kjamat in kawza Joseph Chircop.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-appell intavolat mill-konvenut Charles Chircop minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) in data ta' l-4 ta' Frar, 2000, fejn giet michuda talba ta' l-imsemmi konvenut biex jipproduci bhala xhud taghha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mkill-kjamat fil-kawza Joseph Chircop ghar-raguni indikata

minnu fil-verbal registrat ukoll fl-istess seduta (ara fol. 22 u 23 tal-process);

Rat l-opposizzjoni tal-kjamat in kawza billi, fost ragunijiet ohrajn, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet skond hu tirrigwarda biss ir-relazzjoni processwali bejn l-attrur u l-kjamat in kawza u mhux il-konvenut;

Trattat l-appell:-

Ikkunsidrat li l-Qorti ma tikkondividix l-asserzjoni tal-kjamat in kawza li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax taffettwa l-interessi guridici tal-konvenut ukoll, imma biss ir-rapport ta' bejnu u bejn il-Korporazzjoni attrici. Multo magis meta il-konvenut qieghed jallega li sehh qerq da parti ta' l-istess kjamat in kawza, liema agir, kemm-il darba ppruvat, jista' jkun ta' pregudizzju ghalih. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-konvenut ghandu kull dritt li jirribatti tali eccezzjoni b'kull mezz moghti mil-ligi. Il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni motivata ghac-cahda taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' t-appell tal-konvenut, tirrevoka d-digriet appellat moghti fl-4 ta' Frar, 2000, tammetti x-xhieda indikata mill-

konvenut appellant; tirrimetti l-atti processwali quddiem l-ewwel Qorti, bl-ispejjez jibqghu riservati sal-gudizzju finali.

Dep/Reg

mm